FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn8 ta' Lulju, 2002

**Avviz Nru:475/02 PM**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Flamingo Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih s-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' elf tlett mija u erba' u disghin Lira Maltin u hamsa u disghin centezmu, Lm1394.95, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta;

Ra li s-socjeta' konvenuta pprezentat r-risposta  fejn qalet illi l-istess socjeta' ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici; li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu  2156(t) tal-Ligijiet ta' Malta;

Ra li s-socjeta’ konvenuta eccepiet ukoll illi l-ammont huwa paccut ma’ ammont akbar dovut mis-socjeta’ attrici;

Ra l-Kawza fl-24 ta’ April, 2002 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u Lucienne Montebello ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Il-Kawza kienet giet differita ghat- 12 ta’ Gunju, 2002;

Ra Dok Lm1 u LM 8, Dok MB, u Dok. LM;

Ra s-seduta mizmuma fit-12 ta’ Gunju, 2002 fejn xehed Micheal Busuttil prodott mis-socjeta’ attrici fejn qal li kien ikellem lil xi hadd mis-socjeta’ konvenuta li kien jghid li huma se jivverifikaw il-kont u jirrispondu. Micheal Busuttil qal li xi hadd mis-socjeta’ konvenuta kien jghid li l-istess socjeta’ kellha thallas flus lis-socjeta’ attrici biss kienet tipretendi li ghandha tihu wkoll;

Fl-istess seduta xehed Luciano Martinelli, prodott mis-socjeta’ konvenuta li qal li hu kien jahdem fl-accounts section tas-socjeta’ konvenuta. Luciano Martinelli qal li s-socjeta’ attrici kienet tixtri mis-socjeta’ konvenua u kien hemm ukoll bilanc dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta. Luciano Martinelli qal: “nerga nikkonferma li ahna ghandna naghtu ammont lis-socjeta’ attrici u huma ghandhom jaghtu ammonti kbar lilna”;

Ra li s-socjeta’ konvenuta rrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni;

Ra li l-Kawza giet differita ghas-sentenza dwar  il-preskrizzjoni;

Illi s-socjeta' tghid li t-talba attrici hi preskritta ghaliex ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-10 ta' Dicembru, 1996. Il-kawza giet ipprezentata fis-26 ta' Frar, 2002;

Illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici xtrat diversi affarjiet mis-socjeta' konvenuta. Illi hemm korrisponenza bejn il-partijiet u kien hemm telefonalti fejn jidher li impjegati taz-zewg socjetajiet ipprovaw jistabilixxu l-bilanci bejniethom;

Illi Luciano Martinelli, ghas-socjeta' konvenuta, ammetta li hemm ammont dovut lis-socjeta' attrici izda sostna li hemm ammont akbar dovut lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici;

Illi din l-ammissjoni hi inkompatibbli mal-eccezzjoni ta'preskrizzjoni. Fill-Kawza V. Petroni Ltd. vs Roger Camilleri (Qorti tal-Appell Sede Inferjuri 13/01/1999) saret riferenza ghal diversi kawzi fuq il-punt: "L-eccezzjoni tal-kompensazzjoni timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizjoni u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni tkun diga' kompjuta" (Vol. XXXIV.P.I.P. 326);

"Colui che eccepisce la compensazione non potrebbe farlo senza riconoscere il-credito compensabile o compensato (Vol XXIV. P. 11. P. 43), u finalment, "l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni jekk tinghata

wara li jkun ghadda  z-zmien tal-preskrizzjoni tikkostitwixxi rinunzja tacita ghall-istess preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni tigi inkompatibli ma' l-eccezzjoni tal-kompensazzjoni. Xejn ma jiswa' li l-kompensazjoni tigi opposta in subordina u bla pregudizzju ghall-preskrizjoni ghal bil-fatt tieghu stess. Il-konvenut li jeccepixxi l-kompensazzjoni jigi li jirrinunzja ghal preskrizzjoni li hu ma jistax isalva b' semplici riserva. Ghalhekk l-eccezjoni tal-preskrizzjoni mhijiex aktar ammissibli jekk il-konvenut in segwitu ghaliha jopponi l-kompensazzjoni (VOL. XLIV. P. 11.p. 519);

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizjoni hija michuda.

Il-Kawza hija differita ghal provi kollha tal-partijiet ghal……….

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**